# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 846

KAZ NRU. 1050

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Maria Vassallo

u

S.A.R. Hotels Ltd
(bhala operaturi tal-
President Hotel)

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

**Chaiman : Is-Sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 26 ta' Gunju, 1996 b'riferenza ME 4/95/158/III skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm hames (5) seduti.

Is-sinjura Maria Vassallo aktar 'il quddiem tissejjah "l-appellanta" kienet assistita mid-dottoressa Lorraine Schembri Orland, u l-President Hotel aktar 'il quddiem tissejjah "il-Lukanda" kien rapprezentat mis-sur Robert Arrigo assistit mill-avukat Philip Manduca.

**List ta' Xhieda**

Ghall-appellanta :

l-appellanta nnifisha

David Agius
Steven Delicata
Rita Amato

Ghall-kumpanija :

Robert Arrigo
David Agius

Kemm l-appellanta kif ukoll il-kumpanija pprezentaw l-istqarrijiet tal-kaz. It-trattazzjoni finali saret bil-miktub.

L-appellanta kienet impjegata bhala “Housekeeper” mill-1 ta’ Mejju, 1992 u qabel dan mar-Regent Hotel mill-1 ta’ April, 1987. Fis-27 ta’ Dicembru 1995 giet dikjarata “redundant.”

L-appellanta ssostni li x-xoghol li kienet taghmel issa qed isir minn haddiehor.

Diversi xhieda instemghu fir-rigward il-posizzjoni ta’ l-appellanta fil-Lukanda President kemm qabel ma din inbieghet lill-SAR Hotels Ltd u kemm wara.

Il-kumpanija ssostni li minhabba decizjoni li tinvesti f’”in-house laundry” irrizulta li l-appellanta sfat “redundant.”

L-appellanta tissottometti  domandi biex jigu ndirizzati bhal :

1. Ir-”redundancy” - kien jezisti?
2. Jekk jezisti - kien ragjonevoli?
3. Kien hemm ksur tad-divjet li l-”employer” ma jimliex il-post b’haddiehor?
4. L-”employer” qeda dmiru li jipprovdi impjieg alternattiv?

Il-kumpanija tissottometti li ghandha dritt li tinvesti f'impjant biex tkun aktar efficjenti; illi qabel ma ttiehdet decizjoni ta' *in house laundry* kellhom hafna problemi li l-post ta' *housekeeper* gie abolit.

Ix-xhieda rrispondew ghad-domandi  u ghall-kontro-ezamijiet li saru.

**<u>Osservazzjonijiet</u>**

L-appellanta gabet it-tezi li l-kumpanija ghandha l-obbligu li ssib xoghol alternattiv jekk ir-"redundancy" kienx jezisti u kienx ragjonevoli.

Kemm il-kumpanija u l-appellanta, ikkwotaw kemm decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali u tezijiet, li jirrigwardaw kazijiet simili.

It-Tribunal jinnota li :

1. Il-kumpanija ghandha dritt li tirrijorganizza ruhha biex tkun aktar efficjenti u effikaci fix-xoghol taghha. Huwa minnu li kultant meta jsiru dawn ir-rijorganizzazzjoni-jiet jistghu jintlaqtu xi mpjegati.

   Huwa ghalhekk importanti li l-kumpanija tiehu kull mizura biex tissalvagwardja l-impjiegi.

2. It-tezi tal-appellanta li l-kumpanija trid toffri impjieg alternattiv mhux kollaborat   bil-Ligi  avolja jkun xieraq li l-kumpanija taghmel minn kollox biex l-impjiegi jigu salvati.

**DECIZJONI**

It-Tribunal Industrijali wara li wizen is-sottomissjonijiet u x-xhieda f'dan il-kaz wasal ghall-konkluzjoni li t-tkeccija ta' Mrs Maria Vassallo kienet ghal ragunijiet ta' "redundancy".

Ghal finijiet ta' l-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet lill-partijiet fis-somma ta' Erbghin Lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

--------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

-----------------
**George Attard**
**SEGRETARJU**

mrg